# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
### LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2022**

**Rikors Numru 1126/20 FDP**

Fl-ismijiet

**John Mary Dalli sive Jon Jon Dalli (KI 291468M) u D & B Catering LTD (C 5816)**

**Vs**

**Incorvaja Leonard (KI 966744M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 27 ta' Novembru 2020, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu is-segwenti:

    1. *Illi permezz ta' ittra legali datata 1 ta' Settembru 2020, hawn annessa bħala Dok. A, l-intimat Leonard Incorvaja b'mod infondat ivvanta drittijiet fuq l-art fuq liema hija mibnija l-propjeta' Hunters Tower, illum Hunter's Tower Restaurant, u artijiet adjaċenti, misjuba Wilga Street, Marsaxlokk;*

    2. *Illi din il-pretensjoni hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt, oltre li frivola u vessatorja;*

    3. *Illi t-titolu tas-soċjeta rikorrenti D & B Catering LTD ta' liema missier ir-rikorrent Jon Jon Dalli - John Dalli - huwa Direttur, fuq il-propjeta'*

*u art in kwistjoni hija naxxenti minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor J.R. Darmanin datat 23 ta' Marzu 1982;*

4. *Illi r-rikorrenti għandhom interess li tali pretensjonijiet bla bażi legali da parti tal-intimat jieqfu għal dejjem u dana għal raġuni wkoll li qed jistultifikaw u jikkrejaw ostaklu għal bejgħ tal-propjeta' in kwistjoni;*

5. *Illi fil-fatt fil-frattemp ir-rikorrenti D&B Catering LTD qiegħda fuq konvenju sabiex tbiegħ l-art in kwistjoni, u dawn il-pretensjonijiet bla bażi legali u għal kollox fiergħa u vessatorji qiegħdin jirrekawlha danni konsiderevoli liema danni ser ikomplu jakkumulaw sakemm din il-vertenza tiġi magħluqa. Ta' dawn id-danni qed jiżamm responsabbli l-intimat;*

6. *Illi l-atturi jixtiequ jeħilsu mill-imsemmija pretensjonijiet tal-konvenut kif jiddisponi l-Artikolu 403 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

7. *Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat mill-atturi permezz ta' ittra legali tat-18 ta' Settembru 2020, hawn annessa bħala Dok. B, sabiex, fost oħrajn, jirtira l-pretensjonijiet kollha tiegħu kif dedotti fl-ittra legali tiegħu tal-1 ta' Settembru 2020, l-istess konvenut baqa' inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

8. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

1. *Tippreferiġġi, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 403 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, żmien qasir u perentorju ta' mhux aktar minn tlett (3) xhur, li matulu l-konvenut għandu jġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjonijiet kollha msemmija minnu fl-ittra legali tiegħu tal-1 ta' Settembru 2020;*

2. *F'każ illi l-konvenut jonqos milli, f'dak iż-żmien qasir u perentorju hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjonijiet kollha msemmija minnu fl-ittra legali tiegħu tal-1 ta' Settembru 2020, tordna u tikkundanna lill-istess konvenut għas-silenzju perpetwu, ossija għas-skiet għal dejjem, u konsegwentement timpedixxi lill-istess konvenut milli jaġixxi qatt iżjed dwar tali pretensjonijiet.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut minn issa nġunt in subizzjoni u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni spettanti lilll-mittenti għad-danni sofferti a kawża tal-pretensjonijiet in kwistjoni.*

2. Rat illi fit-23 ta' Diċembru 2020 l-konvenut irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi preliminarjament, ma saret ebda interpellazzjoni jew komunikazzjoni ta' kwalsiasi xorta mas-soċjetà attriċi, li għalhekk m'għandha ebda bażi biex tipproċedi b'azzjoni ta' jattanza kontra l-eċċipjenti.*

    2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ittra ta' l-1 ta' Settembru 2020 li tikkostitwixxi l-bażi ta' l-azzjoni ta' jattanza esperita mill-atturi ma tikkostitwiex millantazzjoni skond il-liġi.*

    3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, datum sed non concessum li saret xi millantazzjoni mill-eċċipjenti, din ma kinetx spontanja iżda provokata, u kwindi ma tagħtix lok għall-azzjoni ta' jattanza.*

    4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur John Mary sive 'Jon Jon' Dalli mhux fil-pussess tad-dritt li dwaru saret l-ittra ta' l-eċċipjenti datata 1 ta' Settembru, 2020, u għalhekk dan l-element indispensabbli ta' l-azzjoni ta' jattanza huwa karenti.*

    5. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma lkoll infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, billi ma jikkonkorrux l-elementi neċessarji għas-suċċess ta' l-azzjoni ta' jattanza.*

    *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

    *Bl-ispejjeż kontra l-atturi, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tagħhom.*

3. Rat illi fit-13 ta' Lulju 2021, din il-Qorti laqgħet it-talbet kollha rikorrenti billi qalet is-segwenti:

    ***Tippreferiġġi*** ***<u>terminu ta' tlett xhur millum</u>****, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 403 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li matulu l-intimat Leonard Incorvaja għandu jġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjonijiet kollha msemmija minnu fl-ittra legali tiegħu tal-1 ta' Settembru 2020;*

    ***Tikkundanna*** *lill-istess intimat Leonard Incorvaja għas-silenzju perpetwu, ossija għas-skiet għal dejjem, f'każ illi l-intimat Leonard Incorvaja jonqos milli, fiż-żmien fuq stabbilit, iġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjonijiet kollha msemmija minnu fl-ittra legali tiegħu tal-1 ta' Settembru 2020.*

    ***L-ispejjeż*** *għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku ta' l-intimat.*

4. Rat illi l-intimat appella minn tali deċiżjoni, liema appell ġie milqugħ parzjalment mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2022, fejn qalet is-segwentti:

   *Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tilqa' in parte l-appell tal-konvenut appellant, u filwaqt li tiċħad l-ewwel żewġ aggravji u tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn laqgħet l-ewwel talba tal-atturi u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tħassarha fil-bqija tagħha u tirriserva illi l-ewwel Qorti għandha tipprovdi dwar it-tieni talba tal-atturi u dwar il-kap tal-ispejjeż, wara li jgħaddi t-terminu ta' tliet xhur, li ser jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.*

   *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jibgħat l-atti lura quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, a tenur ta' dak hawn deċiż.*

5. Rat illi fit-3 ta' Frar 2022, il-kawża reġgħet tqiegħdet fuq il-lista tal-kawżi.

6. Rat illi jirriżulta li l-intimat ippreżenta proċeduri fil-mori tal-kawża fl-ismijiet Leonard Incorvaja vs D&B Catering Limited et, Rikors Ġuramentat Nru 205/2022, li kopja tagħha ebda mill-partijiet ma għaddew lill-Qorti iżda ssemmiet mill-istess partijiet fir-rikors u risposta tal-partijiet, wara li l-intimat kien għamel rikors quddiem dina l-Qorti fil-25 ta' Lulju 2022 sabiex tissoprasjedi minn tali kawża in vista ta' dawk il-proċeduri, u dana wara li l-avukati ttrattaw il-każ fil-5 ta' Lulju 2022 u dakinhar tħalliet għas-sentenza għal-lum.

7. Jirriżulta illi l-kawża fuq imsemmija ġiet intavolata fl-10 ta' Marzu 2022.

8. Jirriżulta illi fil-5 ta' Lulju 2022, il-kawża ġiet trattata mill-Avukat tal-partijiet w il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

9. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni intavolati inizzjalment fis-27 ta' Novembru 2020, ir-rikorrenti talbu żewġ affarijiet:

   a. Li l-intimat jiġi ordnat iġib il-pretenzjonijiet illi huwa kien qiegħed jippretendi kontra r-rikorrent b'kawża quddiem il-Qorti.

   b. Li jiġi kkundannat għas-silenzju perpetwu f'każ illi ma jressaq ebda pretensjoni quddiem il-Qorti.

10. Jirriżulta li fis-26 ta' Jannar 2022, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti odjerna fejn ipprefiġġiet terminu ta' tlett xhur sabiex iġib il-pretensjoni tiegħu l-Qorti.

11. Jirriżulta illi fl-10 ta' Marzu 2022, il-partijiet lkoll jaqblu li l-intimat ġab il-pretensjoni fil-konfront tar-rikorrenti fil-Qorti permezz ta' kawża.

12. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 412 tal-Kap 12,

> *Jekk il-parti li ppretendiet li għandha l-jedd, tipprova li fiż-żmien lilha mogħti, hija ġiebet 'il quddiem il-pretensjoni tagħha, il-qorti ma tiddeċidix it-tieni talba miġjuba fir-rikors ġuramentat oriġinali, u tħalli d-deċiżjoni tal-ispejjeż għall-kawża magħmula minn dik il-parti.*

13. Jirriżulta ċar illi, a differenza ta' dak indikat mill-intimat, kemm fis-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-partijiet, kif ukoll fir-rikors sussegwenti intavolat fil-25 ta' Lulju 2022, wara li l-kawża kienet ġia trattata u differita għas-sentenza, hija l-Liġi stess li timponi lil dina l-Qorti sabiex tgħaddi biex tiddeċiedi l-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjeż filwaqt illi ma tiddeċidix it-talba għas-silenzju perpetwu.

14. Għalhekk, filwaqt illi din il-Qorti ma hijiex ser tieħu konjizzjoni tat-tieni talba, kif redatta mir-rikorrenti, fadallha biss tikkunsidra l-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjeż.

15. Jirriżulta ċar illi l-kawża li ntavola l-intimat fil-konfront tar-rikorrenti saret biss wara deċiżjoni ta' dina l-Qorti, kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell.

16. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi kieku r-rikorrenti ma ntavolawx il-proċeduri odjerni, l-intimat ma kienx ser jipproċedi bil-pretensjoni tiegħu.

17. Għalhekk, ma hemm assolutament ebda raġuni għaliex dina l-Qorti ma għandhiex takkolla l-ispejjeż kollha tal-proċeduri odjerni fuq l-intimat.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi rat ir-rikors ta' l-intimat datat 25 ta' Lulju 2022 w ir-risposta datata 24 ta' Awissu 2022, liema rikors ġie miċħud illum stess;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrenti in vista tal-proċeduri mibdija mill-intimat.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri kollha għandhom ikunu a kariku ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur